**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Il-Kurja tal-Arċisqof, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

5 ta' Novembru 2018

Jean-Claude Juncker u l-Kulleġġ tal-Kummissarji
Kummissjoni Ewropea,
Brussell

Antonio Tajani,
President tal-Parlament Ewropew,
Brussell

**Messaġġ fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ippjanar – Parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tal-Cost-Benefit Analysis**

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent f'Malta (KA) twaqqfet fl-2003 wara li d-dokument tas-Sinodu Djoċesan *Kultura-Soċjetà-Knisja* ta parir li titwaqqaf Kummissjoni Ambjent fi ħdan is-Segretarjat Pastorali tal-Knisja Kattolika lokali. L-għan tal-Kummissjoni hu li toħloq għarfien tar-responsabbiltà u l-etika tal-ħarsien tal-ambjent u tiddefinixxi l-politika u r-regoli li għandu jħaddan min hu responsabbli għall-kwistjonijiet ambjentali fid-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. Hija toffri wkoll suġġerimenti tekniċi u xjentifiċi lill-awtoritajiet tal-Knisja f'każi speċifiċi fejn jidħol l-ambjent. Fuq kollox, hija ħadmet u għadha taħdem favur stili ta' ħajja li huma sostenibbli mil-lat ambjentali u policies li jagħtu każ lill-komunitajiet.

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ippjanar Urban 2018, li jiġi mfakkar fit-8 ta' Novembru, il-KA tixtieq tressaq proposta lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew dwar il-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil tal-Cost-Benefit Analysis (CBA). Qed nieħdu din l-inizjattiva minħabba li l-Unjoni Ewropea hija magħmula minn komunitajiet ta' nies li jgħixu f'oqsma urbani u rurali fl-istati membri. Il-KA temmen li din il-proposta hija rilevanti mhux biss għal Malta, iżda wkoll għall-istati membri kollha, hu x'inhu d-daqs tagħhom.

F'pubblikazzjoni li ħareġ id-Direttorat Ġenerali għall-Policy Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea, naqraw, "CBA is an analytical tool to be used to appraise an investment decision in order to assess the welfare change attributable to it and, in so doing, the contribution to EU cohesion policy objectives. The purpose of CBA is to facilitate a more efficient allocation of resources, demonstrating the convenience for society of a particular intervention rather than possible alternatives".[1] Is-CBA huwa meħtieġ biex issir applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jitwettqu proġetti

1 Guide to Cost-Benefit Analysis of Investment Projects – Economic Appraisal Tool for Cohesion Policy 2014 – 2020, *European Commission Directorate-General for Regional and Urban Policy,* December 2014

ta' ċertu daqs. Is-CBA jitlob li jiġu studjati l-alternattivi u mbagħad, skont ir-riżultat ta' dawn l-istudji, jintgħażel l-aħjar proġett.

Il-KA hija mħassba li, sa issa, il-gwida tas-CBA jew ir-rekwiżiti ta' proviżjoni ta' fondi għal proġetti li jkunu jeħtieġu CBA, ma jitolbux li ssir konsultazzjoni pubblika mandatorja fuq l-alternattivi li jkunu jridu jiġu studjati fil-bidu nett tal-proċess tas-CBA. Dawn l-alternattivi jiġu magħżula minn min qed jipproponi l-proġett, li spiss ikunu gvernijiet lokali jew nazzjonali. Barra minn dan, m'hemm l-ebda rekwiżit li s-CBA għandu jkun pubblikat sħiħ għall-iskrutinju pubbliku.

Għalhekk il-KA tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew biex jagħmlu t-tibdil meħtieġ lill-istrumenti legali rilevanti li jirregolaw l-iffinanzjar ta' proġetti li jinħtieġu CBA sabiex:

1. ikun hemm konsultazzjoni pubblika dwar l-alternattivi li jkunu se jiġu studjati fis-CBA;

2. fir-rapport tas-CBA li jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni bħala parti mill-applikazzjoni għall-fondi tal-proġett, ikun hemm mehmuża l-lista ta' alternattivi li jkunu ġew sottomessi mill-pubbliku bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika msemmija f'punt nru 1 hawn fuq;

3. minbarra l-istudji dettaljati tal-alternattivi li jkunu ntgħażlu biex jiġu studjati u li minnhom tintgħażel dik preferuta biex jitwettaq il-proġett, ir-rapport jipprovdi wkoll f'inqas dettall raġunijiet finanzjarji, ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jkunu jiġġustifikaw għalfejn l-alternattivi li ġew sottomessi mill-pubbliku, u li ma ntgħażlux, ikunu ġew imwarrba (jekk dan ikun il-każ);

4. ir-rapport tas-CBA ikun aċċessibbli għall-pubbliku sħiħ mingħajr tnaqqis ta' xejn, u l-ebda 'raġuni kummerċjali' miġjuba mill-proponenti ta' proġett biex ma jiġix ippubblikat ir-rapport tas-CBA ma tkun meqjusa valida.

Ir-raġunijiet għall-proposta tal-KA huma li ġejjin:

1. Proġetti li huma finanzjati mill-Unjoni Ewropea u li jeħtieġu CBA huma proġetti li għandhom impatt fuq il-komunitajiet. L-għaqal jitlob li l-komunitajiet isemmgħu leħinhom <u>fl-istadju bikri</u> fil-proċess ta' kunsiderazzjoni ta' proġetti ta' din ix-xorta. Il-komunitajiet huma normalment involuti <u>fi stadju tard wisq</u> fil-proċess li permezz tiegħu applikazzjoni għal permess ta' żvilupp tiġi sottomessa lill-awtoritajiet tal-ippjanar jew lill-awtoritajiet għall-ħarsien tal-ambjent, f'każijiet meta konsultazzjoni pubblika tkun mitluba mil-liġijiet lokali tal-ippjanar u d-Direttiva tal-EIA. F'ċerti każi, il-proġetti jkunu bbażati fuq pjani ta' żvilupp li jkun għadda żmienhom minħabba li ma jkunux ġew riveduti għal ħafna snin minn meta jkunu ġew approvati għall-ewwel darba, u għaldaqstant ma jkunux għadhom jirriflettu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet eżistenti jew dawk tal-ġejjieni. F'każijiet bħal dan, konsultazzjoni pubblika f'waqtha ssir iktar importanti.

2. Konsultazzjoni pubblika f'waqtha kif qed titlob il-KA għandha l-potenzjal li tnaqqas ir-riskju li alternattiva li tkun iktar effettiva min-naħa ta' spejjeż, iktar sostenibbli mil-lat ambjentali u iktar innovattiva, tiġi rifjutata filwaqt li alternattivi inqas sostenibbli jiġu approvati.

3. Il-proposta m'għandhiex titqies bħala ostaklu burokratiku ieħor għall-iżvilupp ekonomiku. Il-burokrazija għas-servizz tal-komunitajiet hija ta' min isostniha u m'għandhiex tiġi mwarrba. Min-naħa l-oħra, l-argument favur li titneħħa l-burokrazija jista' joriġina minn min jippreferi operaturi ekonomiċi f'ċerti setturi minflok f'oħra, u ma jpoġġix it-trasparenza u l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd bħala prijorità fit-tfassil tal-policies.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-KA tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew biex jikkunsidraw b'mod favorevoli l-proposta tagħha.

Inselli għalikom,

Mario Camenzuli
Chairperson
Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, Malta

cc Is-Sur David Casa MEP
Dr Miriam Dalli MEP
Dr Roberta Metsola MEP
Is-Sa Marlene Mizzi MEP
Dr Alfred Sant MEP
Dr Francis Zammit Dimech MEP